MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 190/2004

**Francis Calleja ID 792048M**

**Vs**

**John Galea Jnr**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' Lm269.18c (mitejn u disgha u sittin lira Maltin u tmintax-il centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident stradali li sehh fl-Imriehel Bypass fl-14 t'Ottubru, 2004 bejn Fiat Punto numru DAH 139 tal-attur u Seat Cordoba numru ABL 257 misjuqa mill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm269.18c (mitejn u disgha u sittin lira Maltin u tmintax-il centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------